IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.12.2011
KUMM(2011) 870 finali

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**Pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs**

{SEG(2011) 1527 finali}

## 1. SMES – XPRUNATURI TAT-TKABBIR

Is-suċċess ekonomiku tal-Ewropa jiddependi ħafna fuq it-tkabbir tal-Impriżi Żgħar u Medji (SMEs) li jilħqu l-potenzjal tagħhom. L-SMEs jikkontribwixxu għal aktar min-nofs tal-valur miżjud totali fl-ekonomija tan-negozju mhux finanzjarju u pprovdew 80 % tax-xogħlijiet ġodda kollha fl-Ewropa f'dawn l-aħħar ħames snin.[1]

L-SMEs ħafna drabi jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu l-finanzjament li jeħtieġu sabiex jikbru u jinnovaw.

Waħda mill-prijoritajiet prinċipali stabbiliti f'Ewropa 2020, l-istrateġija ta' tkabbir tal-UE għad-deċennju li ġej, kif ukoll l-Att dwar is-Suq Uniku tal-Kummissjoni[2] u l-Att dwar in-Negozji Żgħar[3], hija li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-SMEs. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir[4] enfasizza r-rwol kruċjali ta' sistema finanzjarja b'saħħitha li tappoġġja t-tkabbir u tistabbilixxi prijoritajiet għall-azzjoni fil-perspettiva ta' perjodu ta' żmien qasir.

F'dan il-kuntest il-programm ta' riforma għas-servizzi finanzjarji, implimentat bħala reazzjoni għall-kriżi finanzjarja, jista' jġib benefiċċji regolatorji għall-SMEs. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li tirrilaxxa finanzjament immirat ġdid fil-livell tal-UE biex tindirizza n-nuqqasijiet prinċipali tas-suq li jillimitaw it-tkabbir tal-SMEs.

F'dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta diversi politiki li qiegħda ssegwi sabiex tagħmel l-aċċess għall-finanzjament aktar faċli għat-23 miljun SME tal-Ewropa u biex tipprovdi kontribuzzjoni sinifikanti għat-tkabbir.[5]

## 2. REAZZJONI GĦALL-PROBLEMI

Id-diffikultajiet ta' aċċess għall-finanzi huma wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tkabbir tal-SMEs, kif ippreżentat fl-anness f'aktar dettall.[6] Hemm aktar minn kawża waħda għal ostakli bħal dawn, uħud minnhom ċikliċi[7], oħrajn strutturali. L-assimetrija fl-informazzjoni bejn il-fornituri u dawk li jitolbu l-fondi għandhom rwol maġġuri.

L-SMEs huma sa ċertu punt dipendenti fuq is-self mill-banek għall-finanzjamenti esterni tagħhom, għalhekk għandu jkun hemm alternattivi xierqa disponibbli għalihom.

1 Statistika Strutturali dwar il-Kummerċ (Eurostat) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/european_business/data/database
2 COM 2011 206
3 COM (2011) 78
4 COM (2011) 815 finali
5 L-inizjattivi futuri li jsegwu dan il-Pjan ta' Azzjoni għandhom jitħejjew b'attenzjoni u għandhom jinkludu valutazzjonijiet tal-impatt xierqa fejn rilevanti.
6 BĊE, *Survey on the Access to Finances of SMEs* (Stħarriġ dwar l-Aċċess għall-Finanzi tal-SMEs), Frar 2010
7 EIM, *Cyclicality of SME Finance* (Ċikliċità tal-Finanzi tal-SMEs), Marzu 2009

Il-Kummissjoni se tuża r-**regolamentazzjoni** biex tagħmel l-SMEs aktar viżibbli għall-investituri u biex tagħmel is-swieq aktar attraenti u aċċessibbli għall-SMEs. Il-bidliet regolatorji għandhom iżommu l-bilanċ ġust bejn ir-regolamentazzjoni prudenzjali u l-finanzjament tal-SMEs, u bejn il-protezzjoni tal-investituri u l-miżuri mfassla apposta għall-SMEs.

It-tieni nett, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tkompli tuża l-**baġit** tal-UE biex tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs sabiex tindirizza n-nuqqasijiet prinċipali tas-suq (jiġifieri l-assimetriji fl-informazzjoni u l-frammentazzjoni tas-suq ta' kapital ta' riskju) li jillimitaw it-tkabbir tal-SMEs. L-intervent tal-UE għandu jkollu valur miżjud ċar li jikkumplimenta r-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-livell nazzjonali u jimmobilizza finanzi addizzjonali (il-preżenza ta' "effett multiplikatur finanzjarju")[8].

It-tielet nett, il-Kummissjoni se tuża l-irwol tagħha ta' **koordinazzjoni**, fejn taħdem b'mod partikolari mal-Istati Membri, biex isiru skambji tal-aħjar prattiki u jiġu żviluppati sinerġiji bejn l-azzjonijiet meħuda fil-livelli nazzjonali u tal-UE.

Filwaqt li l-maġġoranza tal-miżuri għandu jkollhom orizzont ta' perjodu medju għal twil, huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat li l-Ewropa diġà qiegħda tieħu għadd ta' **passi biex tindirizza d-diffikultajiet immedjati**.

L-objettiv ewlieni huwa li tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja. Fl-aħħar ta' Ottubru, il-Kapijiet tal-Istat u tal-Gvern qablu fuq sett komprensiv ta' miżuri biex jiġu indirizzati t-tensjonijiet attwali fis-swieq finanzjarji filwaqt li jiġi salvagwardjat ukoll il-fluss tal-kreditu għall-ekonomija reali u jiġi evitat diżingranaġġ eċċessiv.

B'mod aktar speċifiku għall-SMEs, l-Ewropa qed tipprovdi taħlita bilanċjata ta' strumenti finanzjarji flessibbli fil-kuntest tal-perjodu tal-programm attwali (2007-2013), essenzjali sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament differenti tal-SMEs. L-istrumenti finanzjarji tal-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP) b'baġit ta' EUR 1.1 biljun għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jipprovdu madwar EUR 30 biljun ta' finanzi ġodda[9] għal aktar minn 315 000 SME. Fl-2008-2011, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) ipprovda madwar EUR 40 biljun f'self għall-SMEs, liema somma bbenefikaw minnha aktar minn 210,000 SME.

Fil-qasam tal-Politika ta' Koeżjoni l-Kummissjoni diġà adottat miżuri biex tipprovdi investimenti għall-SMEs fi 15-il Stat Membru permezz ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja mfassla mill-fondi strutturali. Dawn il-miżuri ġew rinforzati ulterjorament biex jippermettu investimenti f'SMEs fl-Istati Membri kollha fi kwalunkwe stadju tal-attività tan-negozju normali tagħhom u b'hekk jirrappreżentaw sors ta' finanzjament alternattiv importanti biex jinkiseb aċċess għall-kreditu. L-assistenza lill-impriżi pprovduta permezz ta' investimenti ta' ekwità, garanziji u self hija stmata li tammonta għal mill-inqas EUR 3 biljun fil-perjodu finanzjarju attwali.

---

8 L-azzjonijiet huma konsistenti mal-qafas finanzjarju preżenti u futur. Kwalunkwe azzjoni prevista f'dan il-pjan ta' azzjoni hija koerenti mal-proposta kemm għall-Programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs kif ukoll għall-Programm Orizzont 2020. L-ispejjeż għall-aġenziji u n-Netwerk Ewropew għall-Impriżi għandhom ikunu koperti mill-allokazzjonijiet previsti diġà fl-ipprogrammar uffiċjali tal-Kummissjoni.

9 Jiġifieri għal kull Euro investit permezz tal-CIP, finalment jinkisbu madwar EUR 30 mill-benefiċjarju

Fl-aħħar nett, sabiex jingħata aċċess aħjar għall-finanzjament ta' self, inħoloq Strument ta' Kondiviżjoni tar-Riskji (RSI) speċifiku fil-kuntest tal-Faċilità Finanzjarja għall-Kondiviżjoni tar-Riskji tas-Seba' Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka (FP7) mill-2012. L-RSI se jipprovdi garanziji parzjali lill-intermedjarji finanzjarji permezz ta' mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tar-riskji, u b'hekk inaqqas ir-riskji finanzjarji tagħhom u jinkorraġġihom jipprovdu self ta' bejn EUR 25 000 u EUR 7.5 miljun lill-SMEs li jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet ta' riċerka, żvilupp jew innovazzjoni.

## 3. MIŻURI REGOLATORJI

### 3.1. Titjib tal-qafas regolatorju għall-kapital ta' riskju

#### *3.1.1. Leġiżlazzjoni ġdida dwar il-kapital ta' riskju*

Il-fondi ta' kapital ta' riskju huma operaturi li jipprovdu l-aktar finanzjament ta' ekwità lil kumpaniji li huma ġeneralment żgħar ħafna, fl-istadji tal-bidu tal-iżvilupp korporattiv tagħhom. Fl-UE, il-finanzjament tal-kapital ta' riskju għandu potenzjal għoli, iżda fil-maġġoranza tiegħu mhuwiex sfruttat, għall-iżvilupp tal-SMEs. Minkejja d-daqs enormi tal-industrija tal-ġestjoni tal-assi fl-UE, ma tfasslet l-ebda dispożizzjoni speċifika fil-leġiżlazzjoni attwali tal-UE biex tidderieġi l-fondi tal-ekwità lejn l-SMEs. Il-maniġers tal-fondi tal-kapital ta' riskju rarament jistgħu jibbenefikaw mill-passaport li ġie introdott fid-Direttiva dwar il-Ġesturi ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi (AIFM), minħabba li l-limitu massimu tiegħu ta' EUR 500 miljun huwa ogħla mid-daqs tal-maġġoranza ta' portafolji tal-fondi tal-kapital ta' riskju tal-UE.

Għalhekk, il-Kummissjoni[10] qegħda tipproponi reġim Ewropew ġdid ta' kapital ta' riskju li għandu jippermetti lill-fondi tal-kapital ta' riskju tal-UE jikkummerċjalizzaw il-fondi tagħhom u jiġbru kapital fuq bażi pan-Ewropea madwar is-Suq Uniku kollu. Ir-reġim il-ġdid se jnaqqas il-frammentazzjoni tas-swieq tal-kapital ta' riskju fuq linji nazzjonali li jipprevjenu operazzjonijiet transkonfinali u jillimitaw il-provvista ta' kapital ta' riskju.

Il-qafas il-ġdid sejjer ikun sempliċi u effiċjenti, b'reġistrazzjoni unika fl-Istat Membru tad-domiċilju, u b'obbligi ta' rapportar simplifikati, u regoli adattati dwar l-organizzazzjoni u t-tmexxija tan-negozju.

Ladarba jkun fis-seħħ, dan il-qafas għandu jżid l-iskala tas-suq tal-KR (kapital ta' riskju) u jwassal għal: (i) aktar fondi tal-KR li huma iżjed effiċjenti, b'aktar possibbiltajiet għal speċjalizzazzjoni skont it-tip ta' investiment; (ii) żieda fil-kompetizzjoni bejn il-fondi u diversifikazzjoni aħjar tal-investimenti tagħhom; u (iii) finanzjament transkonfinali disponibbli għall-SMEs.

**Flimkien ma' dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni qegħda tippreżenta qafas ġdid tal-UE għall-kapital ta' riskju li joħloq suq intern ġenwin għall-fondi KR.**

[10] Il-proposta tal-Kummissjoni tal-2007 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tal-fondi ta' kapital ta' riskju għalkemm appoġġata mill-Istati Membri fl-2008, ma naqqsitx il-frammentazzjoni regolatorja skont il-linji nazzjonali.

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex jadottaw din il-proposta leġiżlattiva ġdida sa Ġunju 2012.**

*3.1.2. Qafas regolatorju għall-investiment fil-kapital ta' riskju*

L-investituri istituzzjonali, b'mod partikolari l-kumpaniji tal-assigurazzjoni, iżda wkoll sa ċertu punt il-banek, huma investituri potenzjali fil-fondi KR. F'ċerti Stati Membri, dawn illum huma diġà investituri sinifikanti.

L-oqfsa ġodda prudenzjali għall-assigurazzjoni (Solvenza II [11]) u l-banek (Ir-Regolament u d-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital[12]) wasslu għal tħassib li dan jista' jiskoraġġixxi investiment fil-fondi KR, trattati bħala investimenti mhux elenkati jew assi ta' riskju għoli (flimkien mal-komoditajiet u l-fondi spekulattivi) fil-kalkulazzjonijiet għar-rekwiżiti prudenzjali[13].

Dan it-trattament iwieġeb għat-tħassib prudenzjali. Madankollu, qafas leġiżlattiv ikkalibrat sew għall-kapital ta' riskju, li jirrikonoxxi b'mod partikolari l-benefiċċji tad-diversifikazzjoni, jista' jippermetti ċertu ammont ta' investimenti KR, b'mod li ma jikkawżax tħassib prudenzjali.

**Fl-2012, bħala parti minn riflessjoni usa' dwar l-investiment fit-tul, abbażi tal-ħidma teknika li se titwettaq b'mod konġunt mill-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol, il-Kummissjoni se twettaq studju dwar ir-relazzjoni bejn ir-regolamentazzjoni prudenzjali u l-investimenti ta' kapital ta' riskju mill-banek u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni.**

*3.1.3. Riformi tat-tassazzjoni li jibbenefikaw lill-SMEs*

Il-Kummissjoni ħadmet flimkien ma' esperti nazzjonali u tal-industrija fuq modi kif jitneħħew l-ostakli regolatorji u ta' taxxa għall-investimenti KR transkonfinali. Grupp ta' esperti tat-taxxa[14] identifika l-problemi tat-taxxa ewlenin għall-investiment KR transkonfinali li jistgħu jwasslu, minħabba n-nuqqas ta' koerenza bejn is-27 sistema ta' taxxa madwar l-UE, għal tassazzjoni doppja, inċertezzi dwar it-trattament tat-taxxa u ostakli amministrattivi.[15] Għalkemm il-konvenzjonijiet tat-tassazzjoni doppja bilaterali bejn l-Istati Membri normalment għandhom jipprevjenu dawn id-

11 Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II).

12 Fl-20 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat pakkett leġiżlattiv biex issaħħaħ ir-regolamentazzjoni tas-settur bankarju. Il-proposta tissostitwixxi d-Direttivi dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital kurrenti (2006/48 u 2006/49) b'Direttiva u Regolament u tikkostitwixxi pass kbir ieħor lejn il-ħolqien ta' sistema finanzjarja b'saħħitha u aktar sigura. Id-direttiva tikkontrolla l-aċċess għal attivitajiet ta' teħid ta' depożiti filwaqt li r-regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti prudenzjali li l-istituzzjonijiet iridu jirrispettaw. Ara COM(2011) 453 finali, COM(2011) 452 finali, proposti mill-Kummissjoni fl-20 ta' Lulju 2011 u li qed jiġu negozjati fil-preżent fil-Kunsill u l-Parlament.

13 Ara pereżempju l-Artikolu 123 fir-Regolament propost dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-impriżi ta' investiment, COM(2011) 452 finali tal-20.7.2011.

14 http://ec.europa.eu/taxation_customs/resources/documents/taxation/company_tax/initiatives_small_business/venture_capital/tax_obstacles_venture_capital_en.pdf

15 Id-definizzjonijiet differenti ta' dak li jikkostitwixxi stabbiliment permanenti ħafna drabi obbligaw lill-fond KR jistabbilixxi sussidjarji u jiffaċja żieda fil-piż amministrattiv u tat-taxxa.

diffikultajiet, dawn jistgħu mhux dejjem jipprovdu għall-istrutturi kummerċjali kumplessi użati fl-investiment KR.

Ir-reġim Ewropew għall-kapital ta' riskju se jneħħi l-ostakli għall-ġbir ta' fondi transkonfinali iżda mhuwiex se jsolvi l-problemi tat-tassazzjoni li jkollhom jaffrontaw il-fondi investiti b'mod transkonfinali. Madankollu, kunċett komuni ta' fond ta' kapital ta' riskju jkun punt tal-bidu tajjeb għall-esplorazzjoni ulterjuri mal-Istati Membri ta' soluzzjonijiet għall-problemi tat-tassazzjoni li jistgħu jostakolaw l-investimenti transkonfinali ta' tali fondi.

**Fl-2012, il-Kummissjoni se tikkompleta l-eżaminazzjoni tagħha tal-ostakli tat-taxxa għall-investiment transkonfinali ta' kapital ta' riskju bil-għan li fl-2013 tippreżenta soluzzjonijiet li għandhom l-għan li jeliminaw l-ostakli filwaqt li fl-istess ħin jipprevjenu l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa.**

## 3.2. Regoli dwar l-għajnuna mill-Istat rilevanti għall-aċċess tal-SMEs għall-finanzi

Il-politika tal-għajnuna mill-Istat tista' tappoġġja l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi b'modi differenti, fejn tippermetti għajnuna lill-banek għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja, u tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar kif ifasslu skemi ta' għajnuna li jippromwovu l-objettivi ta' Ewropa 2020 (R&Ż u innovazzjoni, koeżjoni reġjonali u soċjali, eċċ) u jikkunsidraw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs.

Il-Linji Gwida dwar il-Kapital ta' Riskju[16] jippermettu l-appoġġ ta' finanzjament fi stadju bikri għall-SMEs, ingranaġġ tal-kapital privat u allevjazzjoni tan-nuqqasijiet tas-suq. Il-Kummissjoni rrikonoxxiet diskrepanza usa' tal-ekwità u żiedet il-limitu massimu għall-investiment tal-ekwità f'kumpanija li tkun għadha kemm fetħet minn EUR 1.5 miljun għal EUR 2.5 miljun. Ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat jippermettu intervent anki lil hinn mil-limitu massimu, f'ċirkostanzi speċifiċi.

**Sal-2013, il-Kummissjoni se tirrevedi r-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa u numru ta' linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat, inkluż dwar il-Kapital ta' Riskju, sabiex tikseb l-objettivi ta' Ewropa 2020 u twieġeb għall-ħtiġijiet tal-SMEs.**

## 3.3. Titjib tal-aċċess tal-SME għas-swieq tal-kapital

Sabiex ittejjeb l-aċċess tal-SMEs[17] għas-swieq tal-kapital, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi għadd ta' bidliet regolatorji bil-għan li ttejjeb il-viżibbiltà tas-swieq tal-SMEs u tnaqqas kull fejn huwa possibbli l-ispejjeż u l-piż regolatorju għall-SMEs, filwaqt li jinżamm livell xieraq ta' ħarsien tal-investitur.

### *3.3.1. Swieq tal-SMEs aktar viżibbli*

Il-Kummissjoni trid tiffaċilita l-iżvilupp ta' swieq tat-tkabbir tal-SMEs omoġenji li huma attraenti għall-investituri. Fil-proposta dwar id-Direttiva dwar is-Swieq fl-

16 Linji Gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għall-promozzjoni ta' investimenti ta' kapital ta' riskju f'impriżi ta' daqs żgħir u medju, ĠU C 194, 18.8.2006, p. 2–21.

17 Fil-kuntest tas-swieq finanzjarji, SMEs jinkludu wkoll impriżi b'kapitalizzazzjoni tas-suq limitata (inqas minn EUR 100 miljun).

Istrumenti Finanzjarji (MIFID)[18], ipproponiet li tiġi attribwita t-tikketta ta' suq ta' tkabbir tal-SME lil dawk il-Faċilitajiet Multilaterali tan-Negozjar (MTFs) li jwieġbu għal sett ta' karatteristiċi komuni. L-għan huwa li jinstab bilanċ xieraq bejn rekwiżiti proporzjonali għall-SMEs, u livell għoli ta' ħarsien tal-investitur[19].

Din it-tikketta għandha tippermetti lil dawn is-swieq sabiex jiksbu aktar viżibbiltà, jattiraw aktar investituri u jagħmluhom aktar likwidi. It-tikketta għandha tkun volontarja u bbażata fuq rekwiżiti li jridu jiġu adottati mill-Kummissjoni abbażi ta' proposta mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (AETS). It-tikketta għandha tingħata mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. Min-naħa tagħha t-tikketta tippermetti lis-swieq sabiex jiżviluppaw għodod aktar standardizzati (indiċijiet, fondi speċjalizzati li jinvestu f'dawk is-swieq), biex joħolqu netwerks bejn MTFs u jsegwu l-aħjar prattiki.

**F'Ottubru 2011, ġiet proposta tikketta tas-suq tat-tkabbir tal-SMEs fil-leġiżlazzjoni tas-swieq fl-istrumenti finanzjarji tal-UE (MIFID). Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex jadottaw din il-proposta leġiżlattiva kemm jista' jkun malajr.**

### *3.3.2. SMEs elenkati aktar viżibbli*

Il-proposta għal modifika tad-Direttiva dwar it-Trasparenza[20] għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għal informazzjoni regolata fl-Ewropa. Fil-preżent, l-aċċess għall-informazzjoni finanzjarja dwar il-kumpaniji elenkati hija diffiċli għalxejn: il-partijiet interessati jeħtieġu jaraw 27 dejtabejż nazzjonali differenti sabiex isibu din l-informazzjoni.

Informazzjoni paragunabbli ta' kwalità għolja disponibbli b'mod wiesgħa minn punt tal-aċċess ċentrali fil-livell tal-UE tista' tiffaċilita użu akbar tal-informazzjoni dwar l-SMEs elenkati mill-investituri. Punt ta' aċċess ċentrali jista' jnaqqas l-ostakli u l-ispejjeż tad-dħul għall-fornituri ġodda tal-informazzjoni kummerċjali li jistgħu jixtiequ jidħlu fis-suq biex jindirizzaw id-diskrepanza fil-provvista ta' informazzjoni dwar kumpaniji iżgħar. Bl-istess mod, emittenti żgħar stess jistgħu wkoll ikunu mħeġġa jinvestu fil-produzzjoni ta' informazzjoni u formati ta' dokumenti mtejba li jkollhom fil-mira tagħhom lil investituri transkonfinali.

**Il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-AETS, se ttejjeb is-sistema ta' ħżin eżistenti u tiżviluppa punt ta' aċċess uniku għal informazzjoni regolata fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni se tiffaċilita l-aċċess għal informazzjoni ta' kwalità għolja dwar SMEs elenkati. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament u lill-Kunsill jadottaw din il-proposta leġislattiva sal-aħħar tal-2012.**

[18] Direttiva dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li tħassar id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, COM(2011) 656 finali, adottata fl-20.10.2011.

[19] Il-livell ta' protezzjoni tal-investitur jista' jiġi msaħħaħ aktar permezz tal-estensjoni proposta tal-ambitu ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Abbuż tas-Suq lill-MTFs.

[20] Direttiva li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE, COM(2011) 683 finali, adottata fil-25.10.2011.

*3.3.3. Tnaqqis tal-piżijiet ta' rapportar għall-SMEs elenkati*

Sabiex jiġu ssimplifikati **r-regoli tal-kontabbiltà** għall-SMEs u jitnaqqas aktar il-piż amministrattiv tagħhom, il-Kummissjoni adottat proposta għal Direttiva dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi.[21] Dan jista' jippermetti lill-SMEs jiffrankaw sa EUR 1.7 biljun fis-sena. Iż-żieda fil-paragunabbiltà tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u attenzjoni aħjar fuq l-informazzjoni essenzjali għandhom jirriżultaw f'deċiżjonijiet ta' investiment aħjar u allokazzjoni aħjar tal-kapital.

Il-Kummissjoni qed tipproponi wkoll li tnaqqas ir-**rekwiżiti u l-ispejjeż għal emittenti żgħar**, b'mod partikolari billi telimina r-rapportar trimestrali u permezz ta' użu usa' ta' mudelli ppreparati mill-AETS, li għandu jiffaċilita l-paragunabbiltà tal-informazzjoni għall-investituri. Ir-reġim eħfef tad-Direttiva ġdida dwar it-Trasparenza għandu japplika għall-emittenti kollha, u għandu jkollu impatt akbar f'termini ta' tnaqqis ta' spejjeż fuq emittenti żgħar. Il-ħarsien tal-investitur għandu jkun garantit permezz ta' divulgazzjoni mandatorja tar-riżultati ta' nofs is-sena u dawk annwali, kif ukoll permezz ta' divulgazzjonijiet meħtieġa mid-Direttivi dwar l-Abbuż tas-Suq u l-Prospett. Il-kumpaniji ovvjament ikunu ħielsa li jkomplu jipprovdu aktar informazzjoni lill-investituri.

L-emenda riċenti għad-Direttiva tal-Prospetti[22] introduċiet reġim ta' **divulgazzjoni proporzjonata** għall-SMEs u għal kumpaniji b'kapitalizzazzjoni tas-suq limitata. Dan ir-reġim għandu jillimita l-ammont ta' divulgazzjonijiet u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi għall-SMEs u emittenti żgħar, mingħajr ħsara għall-protezzjoni tal-investitur.

**F'Ottubru 2011, ġiet ippreżentata proposta leġiżlattiva li temenda d-Direttivi dwar il-Kontabbiltà sabiex tissimplifika u ttejjeb ir-regoli tal-kontabbiltà għall-SMEs.**

**Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ppreżentat proposta li tirrevedi d-Direttiva dwar it-Trasparenza sabiex tnaqqas il-piż regolatorju għal emittenti żgħar.**

**Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament u lill-Kunsill sabiex jadottaw dawn il-proposti leġiżlattivi sal-aħħar tal-2012.**

**Sa Lulju 2012, sejrin jiġu proposti atti delegati fil-kuntest tad-Direttiva tal-Prospetti, li jispeċifikaw il-kontenut ta' reġim ta' divulgazzjoni proporzjonali għall-SMEs u l-emittenti żgħar.**

### 3.4. Reviżjoni tal-impatt tar-rekwiżiti tal-kapital tal-bank fuq l-SMEs

Il-qafas tal-kapital eżistenti għall-banek żviluppat mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja – traspost fil-liġi tal-UE permezz ta' żewġ adattamenti tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital (is-CRD III[23] u is-CRD IV u is-CRR proposti) – għandu l-għan li jsaħħaħ ir-regoli bankarji prudenzjali. Minbarra li jeħtieġ iżjed kapital ta' kwalità li huwa ogħla, dan jimponi imposti kapitali ogħla għall-attivitajiet

[21] COM(2011) 684 finali
[22] Direttiva 2010/73/KE, ĠU L 327 tal-11.12.2010
[23] Direttiva 2010/76/UE, diġà fis-seħħ.

tas-suq u jtejjeb ir-regoli dwar il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità. Dan għandu jipprovdi għal titjib fl-istabbiltà finanzjarja, mudelli tan-negozju bankarju aktar robusti u karti tal-bilanċ aktar b'saħħithom.

Fis-CRD IV, it-trattament prudenzjali attwali tas-self tal-SMEs se jkompli jibbenefika mid-dispożizzjonijiet ta' Basel II (piż tar-riskju preferenzjali għall-espożizzjoni tal-SMEs ta' 75 % taħt l-approċċ standardizzat). Reġim li huwa saħansitra iktar ta' benefiċċju għall-espożizzjonijiet għall-SMEs ikun jeħtieġ reviżjoni tal-qafas internazzjonali ta' Basel. Dan ikun jeħtieġ b'mod speċjali l-wiri li l-approċċ attwali huwa ristrett wisq. Din hija r-raġuni għala l-piż tar-riskju għall-iskopertura tal-SMEs huwa soġġett għal klawżola ta' reviżjoni fil-proposta tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), sejra, fi żmien 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament il-ġdid, tirrapporta dwar is-self lill-SMEs u persuni fiżiċi. Din se tissottometti r-rapport tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa li tikkonċerna r-reviżjoni tal-piż tar-riskju tal-SMEs. F'dan il-kuntest, l-ABE hija mitluba tanalizza u tirrapporta sal-1 ta' Settembru 2012 dwar il-piżijiet tar-riskju attwali, billi tittestja l-possibbiltajiet għal tnaqqsis, filwaqt li tikkunsidra xenarju ta' tnaqqis b'terz meta mqabbel mas-sitwazzjoni attwali.

**Abbażi tar-rapport mill-ABE u r-rakkomandazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni se tikkunsidra l-miżuri xierqa li jindirizzaw il-kwistjoni tal-ippeżar tar-riskju tal-SMEs fil-kuntest tal-qafas tas-CRD IV u l-CRR.**

## 3.5. Aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tardivi

Ħafna ħlasijiet fi tranżazzjonijiet kummerċjali bejn in-negozji jew bejn in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi jsiru ħafna aktar tard milli miftiehem. Dan jinvolvi spejjeż għoljin għan-negozji Ewropej, li jammontaw għal madwar EUR 1.1 triljun f'termini ta' introjtu mdewwem.[24] Il-fluss tal-flus għall-SMEs huwa mistenni li jittejjeb permezz ta' tnaqqis fiż-żminijiet għall-pagamenti bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva riveduta dwar il-Ħlasijiet Tardivi.[25] Dan jista' jwassal għal tnaqqis fil-ħtiġijiet għal finanzjament estern fuq perjodu ta' żmien qasir.

**Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi ħafna lill-Istati Membri sabiex jaċċelleraw l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tardivi qabel id-data tal-iskadenza tat-traspożizzjoni ta' Marzu 2013.**

## 3.6 Reġim innovattiv għall-Fondi Ewropej ta' Intraprenditorija Soċjali

In-negozji soċjali huma settur emerġenti fl-UE. Dawn huma impriżi li l-objettiv primarju tagħhom huwa li jiksbu impatti soċjali, aktar milli jiġġeneraw profitti għall-azzjonisti jew partijiet interessati oħra.
Minħabba li dawn huma soċjalment innovattivi u ħafna drabi negozji maħluqin ġodda, dawn huma l-aktar komposti minn popolazzjoni kbira ta' SMEs, li jiffaċċjaw problemi ta' aċċess għal finanzi simili għan-negozji żgħar kollha.

---

[24] SEC(2009) 315

[25] Id-Direttiva 2011/7/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar il-ġlieda kontra l-ħlas tard fi transazzjonijiet kummerċjali. Din trid tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali sa mhux aktar tard mis-16 ta' Marzu.

**Il-Kummissjoni qed tippreżenta reġim ġdid ta' Fondi Ewropej ta' Intraprenditorija Soċjali li se jippermetti li l-Fondi tal-UE jispeċjalizzaw f'dan il-qasam u jiġu kkummerċjalizzati madwar l-UE taħt tikketta speċifika u distintiva. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jadottaw dan ir-regolament ġdid qabel l-aħħar tal-2012.**

## 4. MIŻURI FINANZJARJI TAL-UE GĦALL-SMEs

Il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' strumenti finanzjarji ġodda sabiex tiffaċilita l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi anki fil-futur (2014-2020). Huwa importanti li jiġu żgurati aktar sempliċità u titjib fil-koerenza bejn l-iskemi differenti ta' finanzjament tal-UE. Il-Kummissjoni introduċiet il-prinċipji ta' pjattaforma tal-ekwità u tad-dejn li għandhom jistandardizzaw il-mekkanika komuni tal-istrumenti, jissimplifikaw ir-relazzjonijiet mal-imsieħba ta' finanzjament u jrawmu effiċjenza amministrattiva.[26] Skont il-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020, l-ambitu tal-istrumenti finanzjarji se jitjieb, permezz tal-estensjoni tal-ambitu tagħhom u billi l-oqfsa ta' implimentazzjoni tagħhom isiru aktar flessibbli u effettivi.

### 4.1. Miżuri għat-titjib tas-self lill-SMEs

Il-Kummissjoni pproponiet Strument finanzjarju ta' Dejn tal-UE għat-tkabbir tal-impriżi u r-riċerka u l-innovazzjoni, li se jipprovdi garanziji u forom oħra ta' kondiviżjoni tar-riskju sabiex jitjieb is-self lill-SMEs, inkluż SMEs li huma bbażati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni.

L-istrument finanzjarju se jkun struttura integrata li tikkonsisti minn faċilitajiet differenti b'objettivi politiċi speċifiċi, konformi mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "*Qafas għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji innovattivi – il-Pjattaforma tal-UE tal-ekwità u tad-dejn*"[27]. Dan se jkun iffinanzjat mill-Programm għall-Kompetittività tan-Negozju u l-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' Daqs Medju 2014-2020)[28] (COSME), mill-programm Orizzont 2020[29] u mill-Programm Ewropa Kreattiva.

Permezz tal-COSME[30], il-Kummissjoni se tipprovdi lill-impriżi u b'mod partikolari lill-SMEs b'Faċilità ta' Garanzija tas-Self, li se toffri garanziji għal:

(i) finanzjament tad-dejn permezz tas-self, self jew kiri subordinat u ta' parteċipazzjoni għat-tnaqqis tad-diffikultajiet partikolari li l-SMEs jiffaċċjaw biex ikollhom aċċess għall-finanzi għat-tkabbir tagħhom;

(ii) titolizzazzjoni tal-portafolji tal-finanzi tad-dejn tal-SMEs, bil-għan li jiġi mobilizzat finanzjament tad-dejn addizzjonali lill-SMEs.

Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Self għandha, minbarra għal self fil-portafolji titolizzati, tkopri self ta' mhux aktar minn EUR 150 000 u b'maturità minima ta' 12-il xahar.

---

26 COM(2011)662
27 COM(2011)662
28 COM(2011)834/2
29 COM(2011) 808 finali
30 Il-baġit indikattiv għall-faċilitajiet tad-dejn u l-ekwità taħt COSME huwa ta' EUR 1.4 biljun.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni, permezz tal-programm Orizzont 2020[31], se tipprovdi faċilità tad-Dejn b'SME Window biex tappoġġja lill-SMEs ibbażati fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I). L-SME Window se jkollha fil-mira lill-SMEs ibbażati fuq ir-R&I b'ammonti tas-self li jikkumplimentaw il-finanzi lill-SMEs permezz tal-Faċilità ta' Garanzija tas-Self taħt il-Programm COSME.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi wkoll li tiġi stabbilita faċilità ta' garanzijia li hija mmirata speċjalment lejn dawk l-SMEs li jkunu qed joperaw fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-faċilità sejra tiġi implimentata wkoll taħt l-Istrument Finanzjarju tad-Dejn tal-UE.

Fl-aħħar nett, fil-kuntest tal-Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi appoġġ finanzjarju għall-mikrofinanzi għall-mikroimpriżi u finanzjament għall-impriżi soċjali.

Il-Kummissjoni u l-partijiet interessati se jorganizzaw workshops mal-Istati Membri li għadhom mhux qed jagħmlu użu biżżejjed mill-istrumenti finanzjarji tal-UE fil-preżent, sabiex jiġi ffaċilitat il-bini tal-istituzzjonijiet u ssir promozzjoni tal-użu tal-garanziji u l-kapital ta' riskju tal-UE.

Il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb il-provvista tas-self lill-mikroimpriżi u tippromwovi l-adozzjoni tal-Kodiċi Ewropew tal-Imġiba Tajba għall-Provvediment ta' Mikrokreditu.

**Il-Kummissjoni pproponiet:**

**1. Strument ta' Dejn tal-UE rinforzat u estiż għat-titjib tas-self lill-SMEs, inkluż SMEs ibbażati fuq ir-R&I. L-Istrument jikkonsisti minn Faċilità ta' Garanzija tas-Self fil-kuntest tal-Programm COSME (2014-2020) u SME Window taħt il-faċilità ta' Dejn ta' Orizzont 2020.**

**L-Istrument Finanzjarju ta' Dejn tal-UE se jinkludi wkoll Faċilità għas-Setturi Kulturali u Kreattivi ffinanzjati fil-kuntest tal-Programm Ewropa Kreattiva (2014-2020), sabiex jitjieb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej.**

**2. Taħt il-Programm tal-UE għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (2014-2020), Ass speċifiku għall-Mikrofinanzi u l-Intraprenditorija Soċjali li se jappoġġja b'mod partikolari l-mikrofinanzi għall-mikroimpriżi, il-bini tal-kapaċità istituzzjonali tal-forrnituri tal-mikrokreditu u finanzjament għall-iżvilupp tal-impriżi soċjali;**

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jżomm l-attività ta' self għall-SMEs tiegħu b'pass sostnut viċin il-livell tal-2011, soġġett għall-kundizzjonijiet tas-suq u b'konformita mal-kapaċità ta' finanzjament tiegħu. Il-BEI se jkompli jikkontribwixxi għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-self, billi jżid il-flessibbiltà u jiżgura allokazzjoni rapida. Il-BEI u l-FEI se jkomplu jiżviluppaw sinerġiji permezz ta' operazzjonijiet ta' kondiviżjoni tar-riskju, inkluż għat-**

[31] Il-baġit indikattiv għall-faċilitajiet tad-dejn u l-ekwità taħt Orizzont 2020 huwa ta' EUR 3.8 biljun.

**titolizzazzjoni tal-portafoll tad-dejn tal-SMEs, parzjalment f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.**

### 4.2. Miżuri għat-titjib tal-aċċess għall-kapital ta' riskju u finanzjament ieħor ta'riskju

Il-Kummissjoni pproponiet Strument Finanzjarju ta' Ekwità tal-UE għat-tkabbir u r-riċerka u l-innovazzjoni tal-intrapriżi tal-UE, li għandu jipprovdi kapital ta' riskju u finanzjament intermedju lill-impriżi mill-istadji bikrin tagħhom (inkluż il-konċezzjoni) sal-istadju tat-tkabbir.

L-istrument finanzjarju se jkun struttura integrata li tikkonsisti minn faċilitajiet differenti b'objettivi politiċi speċifiċi, b'konformità mal-qafas għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti finanzjarji innovattivi. Dan se jkun iffinanzjat mill-Programm għall-Kompetittività tan-Negozju u l-SMEs (COSME) u minn Orizzont 2020.

COSME se jinkludi Faċilità ta' Ekwità li tkopri l-impriżi fl-istadji tal-espansjoni u tat-tkabbir tagħhom. Il-faċilità se jkollha wkoll il-possibbiltà li tagħmel investimenti fi stadju bikri flimkien mal-Programm Orizzont 2020.

Il-Programm Orizzont 2020 se jinkludi faċilità ta' ekwità li se tpoġġi fil-mira tagħha lill-impriżi fl-istadju bikri tagħhom. Il-faċilità se jkollha wkoll il-possibbiltà li tagħmel investimenti fl-istadji ta' espansjoni u ta' tkabbir flimkien mal-Programm COSME.

Il-Grupp tal-BEI se jkompli jappoġġja t-tkabbir tal-SMEs permezz ta' firxa wiesgħa ta' prodotti ta' ekwità u b'mod partikolari l-Mandat ta' Kapital ta' Riskju tal-BEI estiż. Se tkun żviluppata kooperazzjoni ulterjuri bejn il-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' qsim tar-riskju, sabiex tkun iffaċilitata l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali pubbliċi u privati.

**Il-Kummissjoni pproponiet:**

**1. Strument finanzjarju ta' ekwità rinforzat u estiż għat-titjib tal-aċċess tal-SMEs għal kapital ta' riskju u finanzjament ieħor ta' riskju, mill-istadju bikri tagħhom (inkluż il-konċezzjoni) sal-istadju tat-tkabbir tagħhom. L-istrument finanzjarju ta' ekwità se jkun iffinanzjat mill-Programm għall-Kompettività tal-Impriżi u l-SMEs u minn Orizzont 2020.**

**2. L-istabbiliment ta' fondi ta' fondi (funds-of-funds), fi ħdan l-Istrument Finanzjarju ta' Ekwità tal-UE, għall-provvista ta' kapital lill-fondi ta' kapital ta' riskju li jimmiraw b'mod partikolari l-investiment f'aktar minn Stat Membru wieħed. L-istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi nazzjonali, kif ukoll l-investituri privati, sejrin ikunu mistiedna jipparteċipaw fil-fond.**

**Il-Grupp tal-BEI se jkompli jappoġġja t-tkabbir tal-SMEs permezz tal-firxa wiesgħa ta' prodotti ta' ekwità tiegħu u b'mod partikolari l-Mandat tal-Kapital ta' Riskju tal-BEI estiż. Se tiġi żviluppata kooperazzjoni ulterjuri bejn il-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' qsim tar-riskju, sabiex tiffaċilita l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali pubbliċi u privati.**

## 5. MIŻURI OĦRA GĦAT-TITJIB TAL-AMBJENT GĦALL-SMEs

### *5.1.1. Informazzjoni aħjar għall-SMEs*

L-SMEs jibbenefikaw bil-kbir minn aċċess aktar faċli għall-informazzjoni fil-livell lokali u reġjonali. L-awtoritajiet tal-Istati Membri huma mħeġġa jtejbu l-aċċess tal-SMEs għal sorsi ta' finanzjament differenti nazzjonali u reġjonali u, jevalwaw il-possibbiltà tal-ħolqien ta' bażi ta' dejta unika nazzjonali onlajn ta' sorsi ta' finanzjament ibbażati fuq prattiki tajba.

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Grupp tal-BEI, f'kooperazzjoni mal-intermedjarji finanzjarji, se jespandu l-aċċess tal-SMEs għall-informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji differenti tal-UE u l-faċilità tas-Self tal-SMEs. Bl-istess mod, l-informazzjoni lill-intermedjarji, inklużi banek iżgħar, se titjieb. Se jsiru sforzi biex jiġi ssimplifikat il-piż amministrattiv u jitwessa' l-ambitu tal-lingwi.

Il-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra huma mħeġġa jipprovdu lill-klijenti informazzjoni dwar strumenti finanzjarji alternattivi u jappoġġjaw attivament lin-netwerks ta' mentors, konsulenti u investituri informali.

**Il-Kummissjoni se:**

**1. Issaħħaħ il-kapaċità konsultattiva finanzjarja tan-Netwerk Ewropew għall-Impriżi sabiex tipprovdi l-SMEs b'informazzjoni aħjar dwar is-sorsi differenti ta' finanzjament billi tikkumplimenta l-istrutturi ta' informazzjoni nazzjonali eżistenti.**

**2. Tiżgura li l-informazzjoni kollha dwar il-finanzi tal-UE tinġabar flimkien u ssir disponibbli permezz ta' portal uniku, multilingwi onlajn li jkopri sorsi differenti ta' finanzjament tal-UE disponibbli għall-SMEs.**

**Il-banek u intermedjarji finanzjarji oħrajn iddikjaraw li se jippromwovu azzjonijiet fost il-membri tagħhom sabiex isaħħu l-informazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji tal-UE u l-għotjiet pubbliċi għall-SMEs.**

### *5.1.2. Titjib tal-monitoraġġ tas-suq tas-self tal-SMEs*

Fil-preżent, mhemmx miġbura statistika preċiża dwar is-self lill-SMEs. L-approssimazzjonijiet disponibbli bħal self inqas minn EUR 1 miljun jew inqas minn EUR 250 000 juru li s-sehem tal-SMEs fit-total ta' self ġdid fiż-żona euro huwa bħala medja ta' madwar 20 %.[32]

It-titjib tal-monitoraġġ tas-suq tas-self tal-SMEs jippermetti tfassil ta' politika aħjar u bbażata aktar fuq l-evidenza. Dan jgħin ukoll fil-valutazzjoni tal-impatti tal-miżuri li jappoġġjaw il-finanzi tal-SMEs, kif ukoll ir-rekwiżiti kapitali ġodda applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-kreditu.

**Il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-federazzjonijiet bankarji u se tieħu pariri mingħand istituzzjonijiet oħrajn ikkonċernati (BĊE, ABE) biex issaħħaħ**

[32] Statistiċi tar-Rati tal-Imgħax MFI tal-BĊE, self ġdid taż-żona Euro għall-volumi tal-NFC, medja għal Awwissu 2010 – Lulju 2011

**il-qafas analitiku għas-self tal-SMEs sabiex jinkisbu paraguni aħjar u metodoloġija aktar koerenti.**

*5.1.3. Promozzjoni ta' klassifikazzjoni kwalitattiva*

L-indikaturi kwalitattivi ta' preferenza – ir-rekord tal-intraprenditur, il-pożizzjoni kompetittiva tal-kumpanija fis-suq jew assi intanġibbli oħrajn – huma essenzjali biex jikkumplimentaw il-valutazzjoni standard tal-SMEs.

Is-sottomissjoni ta' kwestjonarji kwalitattivi huma diġà prattika komuni fost il-banek Ewropej. Madankollu, il-proċess ta' mudellar statistiku ta' tali informazzjoni mhuwiex immedjat, u ħafna mill-mudelli qegħdin jiffaċċjaw id-diffikultà ta' telf ta' informazzjoni meta jittrasformaw id-dejta kwalitattiva f'mudelli kwantitattivi.

Barra minn hekk, diġà hemm dispożizzjonijiet fis-seħħ li jippermettu lill-SMEs sabiex jitolbu mingħand il-banek informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni u l-punteġġi tagħhom[33]. Ikun importanti li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati bi sħiħ fil-prattika.

**Il-Kummissjoni se tippromwovi l-iskambju ta' prattika tajba u tinkorraġġixxi lis-settur bankarju u lill-federazzjonijiet tal-SMEs sabiex jippromwovu l-użu ta' klassifikazzjoni kwalitattiva bħala għodda li tikkumplimenta l-valutazzjoni kwantitattiva standard tal-affidabbiltà kreditizja tal-SMEs.**

*5.1.4. Stimolu tal-attività ta' "Investituri informali" u investimenti transkonfinali*

L-investituri informali jipprovdu kemm finanzjament kif ukoll esperjenza maniġerjali, li jżidu l-probabbiltà ta' sopravivenza ta' impriżi li jkunu għadhom kemm fetħu. Dawn ħafna drabi jikkostitwixxu l-akbar sors ta' finanzjament estern, wara l-familja u l-ħbieb, f'impriżi stabbiliti ġodda. Minħabba n-natura informali tagħhom l-attività tagħhom hija diffiċli biex titkejjel.

Il-Kummissjoni għandha tistudja s-suq Ewropew ta' investituri informali u swieq oħra informali u għandha tesplora ideat biex tistimulah billi tappoġġja programmi ta' investiment u tal-prontezza tal-investituri, tinkoraġġixxi gruppi ta' investituri potenzjali biex isiru investituri informali, u tibni l-kapaċità tal-amministraturi tan-networks ta' investituri informali.

Fl-2011, il-grupp tal-BEI żied il-Mandat ta' Kapital ta' Riskju tiegħu għal EUR 5 biljun u estenda l-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi l-koinvestiment mal-investituri informali.

**Il-Kummissjoni se:**

**1. Tħeġġeġ aktar il-koinvestimenti mal-investituri informali f'forom differenti f'kooperazzjoni mal-FEI u l-Istati Membri fil-limiti tal-possibbiltajiet fil-kuntest tal-Fondi Strutturi.**

---

33 L-Artikolu 145(4) tad-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital, u l-Artikolu 418(4) tar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti tal-Kapital propost.

**2. Tikkunsidra miżuri biex tiżviluppa aktar it-tqabbil transkonfinali bejn l-impriżi u l-investituri, b'mod partikolari l-investituri informali, abbażi ta' proposti minn grupp ta' esperti fl-2012.**

**3. Ittejjeb it-tqabbil tal-offerti u t-talbiet għal kapital ta' riskju fin-Netwerk Ewropew għall-Impriżi**

*5.1.5. Promozzjoni ta' informazzjoni dwar l-aċċess tal-SMEs għas-swieq kapitali*

Hemm bżonn ta' miżuri sinifikanti sabiex jinħoloq ambjent favorevoli għall-SMEs li qed ifittxu kapital għat-tkabbir, billi tingħata attenzjoni għall-modi kif jiġu attirati sett usa' ta' investituri u jitbaxxew l-ispejjeż ta' kapital tal-SMEs. Hemm il-ħtieġa li tiżdied l-informazzjoni għall-impriżi medji dwar il-vantaġġi u l-ispejjeż assoċjati mal-elenkar. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll kif tippromwovi l-aċċess għas-swieq tal-bonds u għat-titolizzazzjoni tal-SMEs. Il-Kummissjoni, flimkien mal-partijiet interessati u l-Forum tal-Finanzi tal-SMEs, se tkompli[34] tikkontribwixxi għall-kampanji tal-informazzjoni u tipprepara gwida informattiva Ewropea għall-kumpaniji li jixtiequ jsiru pubbliċi. Il-Kummissjoni se twettaq ukoll attivitajiet promozzjonali bħal premjazzjoni għall-elenkar tal-SME tas-sena.

**Il-partijiet interessati u l-boroż b'mod partikolari huma mħeġġa jżidu l-informazzjoni tagħhom għall-SMEs dwar il-vantaġġi li jelenkaw ruħhom fil-lista tas-suq u kif jistgħu jsiru pubbliċi.**

**Il-Kummissjoni se tippromwovi l-istabbiliment ta' istitut indipendenti biex tippromwovi l-analiżi u r-riċerka fuq impriżi medji elenkati biex b'hekk iżżid l-interess tal-investituri f'dan is-segment.**

*5.1.6. Koordinazzjoni u implimentazzjoni tal-politika*

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem fil-Forum tal-Finanzi tal-SMEs sabiex tesplora strateġiji ġodda biex tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs. It-tagħlim reċiproku tal-politika huwa essenzjali sabiex titjieb il-prestazzjoni tas-sistema finanzjarja Ewropea. Ħafna Stati Membri diġà stabbilixxew fora tal-Finanzi tal-SMEs ma' organizzazzjonijiet tan-negozju, banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra biex jipprovdu soluzzjonijiet prattiċi sabiex itejbu l-aċċess għall-finanzi.

L-esperjenzi nazzjonali huma partikolarment rilevanti għall-prattiki u l-proċess tas-self. F'ħafna Stati Membri ttieħdu diversi azzjonijiet sabiex titjieb it-trasparenza tal-proċess tas-self, inkluż rispons lill-SMEs meta l-applikazzjonijiet tas-self jiġu miċħuda.

F'ċerti Stati Membri, ġew stabbiliti kodiċijiet tas-self nazzjonali jew medjaturi tal-kreditu sabiex jindirizzaw il-problema tal-assimetrija tal-informazzjoni fil-proċess ta' valutazzjoni tar-riskju tal-SMEs u jtejbu l-proċess tas-self. F'ċerti Stati Membri, id-Direttiva dwar Kreditu għall-Konsumatur ġiet estiża għall-impriżi żgħar. Filwaqt li dawn il-mudelli differenti jistgħu jirriflettu ċirkostanzi nazzjonali differenti, hemm lok għal titjib ġenerali tal-funzjonament tagħhom.

[34] "Jiem dwar il-Finanzi tal-UE għall-SMEs" dwar il-fondi għall-SMEs ġew organizzati fl-2008/10 fl-ibliet kapitali tal-UE kollha

**Il-Kummissjoni tħeġġeġ:**

**Lill-Istati Membri u l-assoċjazzjonijiet tal-partijiet interessati jistabbilixxu fora tal-Finanzi tal-SMEs nazzjonali biex jipprovdu soluzzjonijiet għal titjib fl-aċċess għall-finanzi.**

**Lill-banek, istituzzjonijiet finanzjarji oħra u federazzjonijiet tal-SMEs biex jistabbillixxu kodiċijiet ta' kondotta nazzjonali u linji gwida biex itejbu t-trasparenza fil-proċess tas-self u, jekk xieraq, jappoġġjaw il-funzjonijiet tal-medjaturi tal-kreditu.**

**Fl-2012, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tirrevedi l-prattiki tas-self attwali, inkluż il-mekkanizmi ta' trasparenza.**

**Abbażi tar-riżultat ta' dik ir-reviżjoni, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra azzjoni regolatorja biex tinkoraġġixxi self responsabbli u trasparenti lill-SMEs.**

## 6. KONKLUŻJONI

L-SMEs se jkunu sors għat-tkabbir u x-xogħol fl-Ewropa biss jekk l-aċċess tagħhom għall-finanzi jitjieb. Fuq perjodu ta' żmien qasir, dan ifisser l-istabbilizzazzjoni tas-swieq finanzjarji u t-tisħiħ tal-banek, filwaqt li jiġi żgurat li l-kreditu jkompli jasal għand l-SMEs.

Fuq perjodu ta' żmien medju, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li ttejjeb b'mod sinifikanti l-ambjent regolatorju għall-SMEs, li trawwem suq uniku għall-kapital ta' riskju, li ttejjeb is-swieq kapitali u tnaqqas l-ispejjeż u l-piż għall-SMEs. Il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tirrinforza l-garanziji u l-faċilitajiet tal-kapital ta' riskju tagħha, billi tikkumplimenta l-isforzi mwettqa mill-BEI u l-Istati Membri. Fl-aħħar, il-Kummissjoni biħsiebha tippromwovi l-informazzjoni għall-SMEs, lill-SMEs u dwar l-SMEs, li ttejjeb l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji, li tnaqqas in-nuqqas ta' informazzjoni li jiffaċċjaw l-SMEs biex ikollhom aċċess għall-finanzi u li tiffaċilita l-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali.

L-UE u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien sabiex itejbu l-aċċess tal-SMEs għall-finanzi. Il-Kummissjoni qed twettaq il-parti tagħha permezz ta' azzjonijiet previsti f'dan il-Pjan ta' Azzjoni u se taħdem mal-Istati Membri, is-settur finanzjarju u l-federazzjonijiet tal-SMEs sabiex tiżgura li l-azzjonijiet ikollhom suċċess u jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku.